KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 35**

**9 ta' Mejju 2017**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Louise Portelli – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Efrem Buttiġieġ
Carmen Borg

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

35.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija ta' Efrem Buttiġieġ u Carmen Borg lill-membri preżenti, li unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

35.2.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 35 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

35.3.1 Is-Sindku nfurma lill-membri li kellu laqgħa mal-Kumpanija Alberta, fejn dawn tal-aħħar qed joffru sponsor għall-installar ta' CCTV Cameras fi Pjazza San Pawl. Is-Sindku nfurma wkoll li se jkun qed jiltaqa' mas-Sur Alfred Cacciatolo ta' Ħamrun Kiosk sabiex jiddiskutu l-proposta li dan il-proġett isir konġunt bejn il-Kunsill u Ħamrun Kiosk.

35.3.2 Is-Sindku nfurma li kollox jinsab lest sabiex id-delegazzjoni tal-Kunsill titla' għall-iffirmar tal-Ġemellaġġ mal-Comune ta' Serrone. Dan il-Comune jidher li huwa organizzat ħafna u għandhom programm ta' attivitajiet għal jumejn li d-delegazzjoni se tqatta' f'Serrone. Is-Sindku spjega li dan il-Comune għandu ħeġġa kbira biex jaħdme fuq proġett tajjeb ħafna.

35.3.3 Is-Sindku nfurma lill-membri li kellu laqgħa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, dwar ix-xogħlijiet fil-lokalita'. Is-Sindku spjega li l-Korporazzjoni riedet li l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' tibdil ta' mains fi Triq Nuzzo, fejn l-ammont kien se jkun ta' aktar minn € 10,000, iżda l-Kunsill wasal fi qbil li dan ix-xogħol, jitħallas kollu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

35.3.4 Is-Sindku nfurma lill-membri li jinsab sodisfatt bl-attivita' li ġiet organizzata b'risq ALS Malta. Is-Sindku rringrazzja lill-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-ħidma tagħhom u lil dawk kollha nvoluti sabiex din l-attivita' tkun suċċess.

35.3.5 Is-Sindku nfurma li t-tender għall-pots u pjanti se tinħareġ fil-ġranet li ġejjin.

35.3.6 Is-Sindku nfurma li l-kors tal-First Aid intemm b'suċċess. Il-parteċipanti kienu sodisfatti ħafna bil-kontenut tal-kors.

35.3.7 Is-Sindku nfurma li baqa' mingħajr risposta dwar il-proġett tal-LEGA.

35.3.8 Is-Sindku nfurma li Transport Malta għaddiet korrispondenza lill-Kunsill sabiex isiru double yellow lines fi Triq Atocia, fil-parti li tagħti mill-pjazza sa Triq San Gejtanu.

Is-Sindku nfurma li dan l-aħħar kellu laqgħa mas-Sur Steve Borg, ko-ordinatur tal-Libreriji Pubbliċi fejn ġew identifikati l-bżonnijiet li huma meħtieġa sabiex il-librerija tiġi skont l-istandards nazzjonali. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li jinxtraw tapit u cushions sabiex jintużaw waqt is-sessjonijiet tal-qari, jinxtara Computer sabiex ikun possibli li ssir riċerka minnu u jinxtraw aktar kotba għal librerija.

Il-Kunsill approva din in-nefqa.

35.3.9 Is-Sindku nfurma wkoll li qed tiġi ppjanata attivita' fil-Librerija, aktar tard dan ix-xahar sabiex nippromwovu l-importanza tal-Qari fost it-tfal tagħna. Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri sabiex jinfurmaw lil dawk kollha li jafu u b'mod partikolari lill-għaqdiet lokali.

35.3.10 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda l-pjanti proposti għat-tisbiħ ta' Triq il-Franġiskani. Is-Sindku spjega li veru se jintilfu 6 parking bays, iżda r-residenti ta' din l-akwata ħaqqhom post fejn jikkreaw ruħhom. Il-Kunsill qabel ma dan il-proġett u għaldaqstant qablu li tissejjaħ laqgħa mar-residenti ta' Triq il-Franġiskani sabiex jiġu nfurmati b'dan il-proġett filwaqt li l-Kunsill jieħu l-ideat tagħhom.

35.3.11 Is-Sindku nfurma lill-membri li Transport Malta approvat t-talba tal-Kunsill li Triq San Gejtanu, 'l parti minn Triq Anton Buttiġieġ sa Triq id-Duka t'Edinburgh issir One-way bil-kontra, bid-dħul isir minn Triq Anton Buttiġieġ. Is-Sindku nfurma li se tkun qed tissejjaħ laqgħa mar-residenti ta' Triq San Gejtanu u Triq San Vincenz sabiex jisma' l-*feedback* tagħhom.

35.3.12 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-attivitajiet marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Ħamrun se jiġu posposti, minħabba l-fatt li se jkun qed jaħbat ġimgħa qabel l-elezzjoni ġenerali.

**35.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

35.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 27.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**35.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

35.6 Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum, it-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017

| | |
|---|---|
| **<u>Iffirmata</u>** | **<u>Iffirmata</u>** |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |